## Funzjonijiet tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għas-Saħħa Mentali u l-Anzjani

- Sabiex jippromwovi u jipproteġi d-drittijiet u l-interessi tal-anzjani u persuni bi problemi ta' saħħa mentali u dawk li jieħdu ħsiebhom
- Sabiex jinfluwenza leġiżlazzjoni u politika li tissalvagwardja dawn id-drittijiet
- Sabiex jirċievi lmenti u mistoqsijiet u jieħu l-azzjoni meħtieġa
- Sabiex jinvestiga allegat ksur ta' drittijiet
- Sabiex jiżviluppa u jseddaq ħidma konġunta ma' dawk kollha interessati, inklużi dawk li jfasslu l-politika, entitajiet pubbliċi u privati, gruppi li jirrappreżentaw il-pazjenti u organiżżazzjonijiet mhux governattivi li jaħdmu f'dawn l-oqsma
- Sabiex ikabbar l-għarfien u jqajjem kuxjenza fil-pubbliku dwar is-saħħa mentali, persuni bi problemi ta' saħħa mentali, l-anzjanita` u l-anzjani

Pazjenti, min jieħu ħsiebhom, professjonisti u l-pubbliku jista jagħmel kuntatt ma' dan l-uffiċċju

- Għal informazzjoni, pariri u gwida dwar drittijiet u l-interessi ta':

*L-anzjani*

*Persuni bi problemi ta' Saħħa Mentali*

- Kull indvidwu jista jressaq ilmenti u mistoqsijiet dwar kura u trattamenti u rapporti ta' inċidenti konnessi mas-Saħħa Mentali. Dan l-Uffiċċju jista' jinvestiga lmenti u jagħmel investigazzjonijiet kif provdut bl-Att tal-2012 dwar is-Saħħa Mentali (Kap 525)

Dan l-Uffiċċu għandu l-funzjoni li jagħti pariri u jservi ta' punt ta' referenza għal

- Organizzazzjonijiet mhux governattivi
- Dawk li jfasslu l-Politika

Uffiċċju tal-Kummissarju għas-Saħħa Mentali u l-Anzjani
Pjazza S. Luqa, G'Mangia. PTA 1010
Telefon:
+356 2592 4304
Imejl:
mentalhealthcommissioner.mfh@gov.mt
olderpersonscommissioner.mfh@gov.mt
Websajt:
http://commissionermhop.gov.mt

to protect and promote

# Uffiċċju tal-Kummissarju għas-Saħħa Mentali u l-Anzjani

**MISSJONI**

**Sabiex jippromwovi u jipproteġi d-drittijiet u l-interessi tal-anzjani u ta' persuni bi problemi ta' saħħa mentali u dawk li jieħdu ħsiebhom, b'mod li jkunu jistgħu igawdu kwalità ta' ħajja aħjar billi jagħmlu użu sħiħ mill-potenzjal tagħhom.**

# VIŻJONI

Il-viżjoni tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għas-Saħħa Mentali u l-Anzjani hija li jkollna soċjeta inklussiva. fejn anzjan jew persuna bi problemi mentali għandha kull ċans ittejjeb saħħitha. Dan iżid il-kontribut tagħhom lill-komunita` fl-oqsma kollha tal-ħajja, inkluż fil-qasam tax-xogħol u s-soċjeta b'mod aktar wiesgħa.

# ĦIDMA STRATEĠIKA

Dan l-uffiċċju jimmira li jilħaq il-miri tiegħu billi jadotta sistemi ċċentrati fuq il-persuna, iħeġġeġ aktar għarfien u billi jispira oħrajn f'dan il-qasam b'mod strateġiku. Jimmira li jinfluwenza l-politika, jissorvelja l-iżviluppi u l-aħjar prattiċi. Se jkun katalist għal kultura tat-titjib fil-kwalita` billi jaħdem ma' dawk kollha involuti fil-ħidma sabiex tinħoloq soċjeta inklussiva.






# L-ANZJANI

L-anzjanita hija proċess bioloġiku reali.
Din tvarja minn soċjeta u kultura għal oħra.
Il-Kummissjoni Ewropea taqsam l-anzjani fi tliet gruppi:

**Ħaddiema Anzjani (55-64 sena),**

**Persuni Anzjani (65-79 sena)**

**Persuni Anzjani Fraġli (80+ sena)**

Jeħtieġ ħidma immirata lejn l-isfidi tal-anzjanità. Din tirrifletti ruħha fid-dipendenza dejjem tikber tal-anzjani.

**L-aktar statistika sinifikanti hija żieda ta' 37,000 fil-popolazzjoni ta' eta 65+ sal-2025, li tfisser żieda ta' 57% fl-10 snin li ġejjien.**

# SAĦĦA MENTALI

Tkopri l-firxa kollha tal-popolazzjoni, mit-tfal sal-anzjani. Is-Saħħa Mentali hija stat ta' benesseri fejn kull individwu jista jilħaq il-potenzjal tiegħu, jista' jlaħħaq mal-għawġ normali tal-ħajja, jista' jaħdem b'mod produttiv u li jħalli l-frott, li jista' jikkontribwixxi lejn il-komunita`.

Problemi ta' saħħa mentali jwasslu għal anqas produttivita; piżijiet akbar finanzjarji għas-soċjeta, għall-individwu u familtu; u riskju akbar ta' faqar.

- **OPPORTUNITAJIET U TRATTAMENT INDAQS**
- **TNEĦĦIJA TA' KULL FORMA TA' DISKRIMINAZZJONI**
- **TOLLERANZA ŻERO GĦALL-ABBUŻ**

# IR-RWOL TAL-UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU GĦAS-SAĦĦA MENTALI U ANZJANI

to protect and promote

Permezz ta' riżorsi provduti, dan l-Uffiċċju jkun jista' jwettaq il-missjoni tiegħu li jippromwovi u jħares lill-anzjani u l-persuni bi problemi ta' saħħa mentali.

Dan l-Uffiċċju ser:

- Jagħmel l-almu tiegħu sabiex il-ħtiġijiet ta' persuni vulnerabbli jibqgħu fuq nett fl-aġenda nazzjonali;
- Jidentifika xejriet pertinenti u jagħmel studji dwar l-adegwatezza u l-effettività tas-servizzi għaż-żmien li ġej;
- Jimmobilizza 'l dawk kollha interessati, kemm fis-settur pubbliku, il-privat, is-settur tal-knisja u dak volontarju;
- Jiffaċilita s-sinerġija fl-azzjoni, l-innovazzjoni u l-ippjanar fit-tul;
- Jassigura l-implimentazzjoni kontinwa ta' proċess ta' anzjanita` aktar attiva u b'saħħitha b'mod li dan ikun ta' benefiċċju kemm għall-individwi kif ukoll għas-soċjeta u l-ekonomija.



Ritratti: Noel Mallia

©http://www.wix.com/tedeschini/noel-mallia